Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 1 ta' Lulju 2022**
**(OR. en)**

**10909/22**

**SOC 425**
**EMPL 284**
**SAN 434**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill |
| Suġġett: | Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol<br>Ħatra tas-Sa Johanna BENGTSSON RYBERG, membru supplenti għall-Iżvezja, minflok is-Sa Viktoria BERGSTRÖM, li rriżenjat |

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sa Viktoria BERGSTRÖM, bħala membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija msemmija hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għall-Iżvezja).

2. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (UE-OSHA), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94, il-membri tal-Bord tat-Tmexxija jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern tal-Iżvezja nnomina lill-kandidat li ġej għal dan is-siġġu għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023:

Is-Sa Johanna BENGTSSON RYBERG
Departementssekreterare
Arbetsmarknadsdepartementet
Enheten för arbetsrätt och arbetsmiljö
SE-103 33 Stokkolma
Tel.: + 46 8 405 33 74
email: johanna.bengtsson.ryberg@regeringskansliet.se

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill biex:

(a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA); u

(b) jippubblika d-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

**ANNESS**

Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti

tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (UE-OSHA), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

1. Bid-Deċiżjonijiet tiegħu tad-9 ta' April 2019[2], tas-6 ta' Ġunju 2019[3,4], u tat-8 ta' Lulju 2019[5], il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta' April 2019 sal-31 ta' Marzu 2023.

2. Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Viktoria BERGSTRÖM, sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet.

3. Il-gvern tal-Iżvezja nnomina kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

1 ĠU L 30, 31.1.2019, p. 58.
2 ĠU C 135, 11.4.2019, p. 7.
3 ĠU C 195, 11.6.2019, p. 4.
4 ĠU L 156, 13.6.2019, p. 3.
5 ĠU C 232, 10.7.2019, p. 4.

Artikolu 1

Is-Sa Johanna BENGTSSON RYBERG hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sa Viktoria BERGSTRÖM, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

Għall-Kunsill
Il-President